MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħ'Attard

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 32

12 ta' Settembru 2017

Il-Kunsilli Lokali H'Attard ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 6, Triq il-Kbira, Ħ'Attard, fis-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

STEFAN CORDINA – Sindku
MARISA ABELA – Kunsillier
RAYMOND AZZOPARDI – Kunsillier
RALPH CASSAR – Kunsillier
JOHN DEBONO – Kunsillier
ALEX MANGION – Kunsillier
CONNIE SCERRI – Kunsillier
MARK ANTHONY SPITERI - Kunsillier
ALFRED ZAMMIT - Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marica Mifsud – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stefan Cordina ippresieda l-laqgħa. Kulħadd kien preżenti għall-laqgħa fil-ħin.

## 32.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

32.1.1 Ma kienx hemm ittri t'apologiji.

## 32.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

32.2.1 Il-minuti ġew approvati wara li zdied il-kliem f'paragrafu 31.4.3

- Biex jissewwa *culvert* faċċata ta' Triq l-Għarix ***u jiżdiedu xi barriers***.

## 32.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li rigward:

32.3.1 Talks li se jsiru b'kollaborazzjoni mal-Malta Heart Foundation rigward *Heart Disease Prevention* bl-isem Tour.

32.3.2 Ittra li ntbagħtet lill-Ministru Ian Borg fuq PC0061/16 sabiex tiġi ndirizzata l-problema ta' żvilupp li ddaħħal fil-konfini fl-2006 fi Triq Dun Mikiel Xerri. Lanqas ġie maħsub x'*traffic management* se jsir li ha jimpatta l-area. Is-Sur Alfred Zammit irrimarka fuq il-By Pass ta' Ħ'Attard, li jrid jittranġa dak il-*bottleneck* fi Triq in-Nutar Zarb, Triq il-Linja u Triq l-Imdina.

32.3.3 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li process fuq it-Tenders ALC03/16 Assigurazzjoni għall-Kunsill, ALC04/16 Manutenzjoni ta' Sinjali tat-Toroq u ALC05/16 Patching huwa konkluż u ġew aġġudikati kif ġej: ALC03/16 Island Insurance Brokers u ALC04/16 B. Grima and Sons.

Rakkomandazzjoni sabiex kif kien ġa ġie aċċennat f'laqgħat preċedenti dawn it-Tenders li ġejjin jiġgeddu b'effett mill-1 ta' Lulju 2017 (data ta' skadenza) sa 30 ta' Ġunju 2017 u dana sabiex it-Tenders kollha ikunu konformi:
*Printing of Local Council Magazine*
*Cleaning and clearing of Non Urban Roads & Street Sweeping and Cleaning*
*Construction of pavements*
*Collection of Household and Commercial Waste & Collection of Bulky Refuse*
*Maintenance of Parks, Gardens and Soft Areas*
*Cleaning of Public Conveniences*
*Resurfacing Works,*
*Services of an Accountant*
Kulħadd qabel bl-eċċezzjoni li fuq il-kuntratt tal-Latrini ġie deċiż li jiġġedded suġġett li kif jintalbu mill-Gvern dawn jiġu rilaxxati.

32.3.4 Ġie suġġerit li l-kompetizzjoni tal-Presepji jsiru b'kollaborazzjoni mal-Każin tal-Banda La Stella Levantina. Is-Sinjuri Spiteri u Scerri wrew ix-xewqa li jiġu nvoluti.

32.3.5 Se jsir it-tindif ta' xi postijiet fosthom Wied Irmiedi, Wied is-Sewda u Ta' Qali taħt is-siġar. Xi Kunsilliera fosthom is-Sinjuri Spiteri u Zammit se jkunu nvoluti.

## 32.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

32.4.1 Is-Sur Ralph Cassar saqsa fuq:

- Il-Kuncert tat-13 t'Ottubru; sabiex jintbagħtu inviti fid-djar permzz ta' leaflet, issir *reception* żgħira wara l-Kunċert u ftit qabel il-Kor jiġi milqugħ b'xi kafe' u ġallettini u li l-istima ta' wara l-Kuncert m'għandhiex taqbeż it-€300. Kulħadd qabel.
- Issir is-sottomissjoni tal-applikazzjoni għall-*Waste Reduction Week* u sabiex tiġi ssetjata d-data tas-Sibt, 25 ta' Novembru.
- Li jinġabu xi siġar mill-Parks għall-Misraħ Gwann Pawlu t-Tieni u jsir ir-restawr fuq il-BUS.
- Li l-Kunsill jipproċedi fuq il-Bike Racks u l-Finanzjament mill-Ministeru.
- Li jinħarġu l-applikazzjonijiet għal Ġieħ Ħ'Attard.

32.4.2 Is-Sur Alfred Zammit saqsa fuq:

- Biex jitnaddaf plot Triq il-Pitkali. Is-Sur Cordina qal li dak privat u ma jistax jitnaddaf mill-Kunsill.
- Siġra ħdejn il-G&G biex issirilha konka kif suppost.
- Triq Hannibal biex jitnaddaf il-ħaxix u ħmieġ.
- Triq il-Wied ta' Rmiedi biex isir dak il-ħajt nieqes u fil-każ jittieħdu proċeduri ulterjuri biex isir.

32.4.3 Is-Sur Raymond Azzopardi talab li:

- Niktbu lill-Ministeru sabiex meta jsir il-bexx tat-*turf* isir bil-lejl għax l-aħħar li sar kien hemm riħa eżagerata u dak mhux tajjeb għas-saħħa.

32.4.4 Is-Sur Alex Mangion talab li:

- S-Siġar fi Triq Ħal-Warda ma jinżabrux u li Ġnien il-Palma jitnaddaf qabel tibda l-iskola.

32.4.5 Is-Sur John Debono saqsa fuq:

- Is-Siġar fi Triq B'Kara biex jinbidlu.

Is-Sinjura Scerri qalet li daret mal-Kuntrattur u biċċiet minnhom sejrin jinbidlu.

32.4.6 Is-Sur Marko Spiteri talab li:

- Triq Sant'Anton issir *ONE WAY* u jitneħħa l-parkeġġ kollu ħdejn il-Kitchen Garden filwaqt li ssir bankina n-naħa tal-Kitchen Garden. Is-Sur Zammit qal li din kienet ġiet diskussa u sa taffettwa Kunsilli oħra. Is-Sur Cordina qal li jistgħu ikomplu imma b'diskussjoni mal-Kunsilli ta' Ħal-Lija u Ħal-Balzan. Is-Sur Cassar qal li ma jsibx oġġezzjoni basta kull fejn issir *one-way* issir *except for bicycles*. Kulħadd qabel.

32.4.7 Is-Sinjura Connie Scerri qalet li:

- Triq Sant'Anton għandha bżonn tinżabar
- S-Sur Reno Saliba talab biex issir pompa ma' bir eżistenti fi Triq San Pawl. Is-Sur Cordina ma qabilx ħabba d-dawl u problema ta' metre. Hemm xi siġar Triq San

Pawl li jridu attenzjoni.

- Terġa ssir il-Best Balcony Competition. Kulħadd qabel.
- Avviċinat l-Animal Welfare minħabba l-qtates, Cat Café's għalihom u neutering
- Għandha kwotazzjoni għall-pots tal-Pjazza għall-irranġar li tammonta għall-€170-il waħda. Is-Segretarju Eżekuttiv għandha tiltaqa' ma' min ħa jagħmel ix-xogħol.
- Wara s-seminar ta' SKOP se jitkomplew il-kollaborazzjonijiet fuq Local Council's Migration and Climate Change.

## 32.5 Rapporti

32.5.1 Ma kienx hemm rapporti.

## 32.6 Skemi: Libreriji u Restawr ta' Postijiet Storiċi

32.6.1 Skema Libreriji. Din id-darba flok kotba se jinxtara A/C li għalih se jinġabu tlett kwotazzjonijiet. L-ammont ta' flus se jinqasam ugwali bejn id-Dipartiment għall-Gvern Lokali u l-Kunsill Lokali.

32.6.2 Skema Restawr ta' Postijiet Storici. Se tintefa' l-applikazzjoni għar-Restawr tal-Kappella ta' Sant'Anna wara li s-Segretarju Eżekuttiv għamlet kuntatt mas-Superjur tal-Mużew George Xuereb. Ia-Sinjura Connie Scerri ssuġġeriet li terġa tintefa' l-applikazzjoni tal-Arloġġ tax-xemx. Is-Segretarju ssuġġeriet li nikkonċentraw fuq il-Kappella li ma jmurx jirrifjutawhomna t-tnejn.

## 32.7 Rendikont s'issa: Jum Ħ'Attard, Ġieħ Ħ'Attard u Attivitajiet Ġemellaġġ

32.7.1 Is-Sur Cordina qal li hemm xi problema żgħira bid-daqs tal-banda imma ħa jerġa jiddiskuti. Mill-bqija s'issa il-*venue* kkonfermata u anka r-*refreshments* għal wara. Ġieh Ħ'Attard se jinħarġu l-applikazzjonijiet u l-programm għad-Delegazzjoni miexi sew ħafna.

## 32.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti

32.8.1 Approvati.

## 32.9 Mozzjonijiet; u

32.9.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 32.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

32.10.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.30pm u ġiet aġġornata għas-17 ta' Ottubru 2017 fil-5.30pm.

Konfermati, illum 17 ta' Ottubru 2017.

| | |
|---|---|
| Stefan Cordina<br>Sindku | Marica Mifsud<br>Segretarju Eżekuttiv |